

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur ta' l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1049/2001 ⁽¹⁾ u l-ksur ta' l-obbligu ta' moti-vazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 45/2001 ⁽²⁾ u fuq żball manifest fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, p. 1).

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2008 — Nestlé vs L-UASI — Master Beverage Industries (Golden Eagle)

(Kawża T-5/08)

(2008/C 64/88)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Société des Produits Nestlé SA (Vevey, l-Iżvizzera) (rappreżentant: A. von Mühlendahl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Master Beverage Industries Pte Ltd (Singapore, Singapore)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell tal-konvenut ta' l-1 ta' Ottubru 2007, Każ R 563/2006-2 (Trade mark Komunitarja Nru 3 157 005);

— tiċħad l-applikazzjoni kkontestata tat-trade mark Komunitarja Nru 3 157 005 RED MUG bil-logo "Golden Eagle" u disinn ta' ajkla;

— tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell;

— tordna lil Master Beverage, il-parti l-oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell, tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell, f'każ li ssir parti intervenjenti fil-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Master Beverage Industries Pte Ltd

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "Golden Eagle" għal prodotti fil-klassi 30 — Applikazzjoni Nru 3 157 005

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: It-trade marks figurattivi Komunitarji, internazzjonali u nazzjonali u t-trade marks verbali "Red Cup", "Gold Blend" u l-istampi ta' kikkra, *inter alia*, għal kafé

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: L-oppożizzjoni għet kompletament miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: L-appell ġie miċħud

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, peress li t-trade marks kunfliġġenti huma simili ħafna mill-aspett viżiv minħabba arranġament identiku ta' disa' elementi, intrinsikament distintivi, preżenti kemm fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kif ukoll fil-maġġoranza tat-trade marks preċedenti.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2008 — Nestlé vs L-UASI — Master Beverage Industries (Golden Eagle Deluxe)

(Kawża T-6/08)

(2008/C 64/89)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Société des Produits Nestlé SA (Vevey, l-Iżvizzera) (rappreżentant: A. von Mühlendahl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Master Beverage Industries Pte Ltd (Singapore, Singapore)